MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 537/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Emmanuele Chetcuti abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive
u tal-Ligi u l-istess Emmanuele Chetcuti**

**Vs**

**Manolito Magri**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm1,034 (elf u erbgha u tletin lira Maltin) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra li Rausi Insurance Limited interveniet fil-kawza.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-pulizija jghid li ghamel *breathalyzer test* fuq il-partijiet u l-konvenut irrizulta fil-pozittiv.

Il-konvenut fir-*Road Accident Report* jghid:

"Jiena kont tiela' lejn ir-Rabat fuq in-naha tieghi. Il-vettura HAD 953 kienet gejja ghal go fija. Tani daqqa quddiem gor-rota u spiccajt bla kontroll minhabba d-daqqa u spiccajt gol-hajt."

Filwaqt li Chetcuti jghid:

"Jiena kont niezel 'l isfel fuq is-side tieghi direzzjoni Attard. Smajt hafna twerzieq ta' tyres u rajt karozza KAE 387 tiela' 'l fuq, fuq zewg roti u ddur u spicca ghal go fija."

Ra x-xhieda ta' PS 125 Malcolm Mifsud fejn jikkonferma r-*Road Accident Report*.

Ra x-xhieda ta' Anthony Savona fejn jghid li l-assigurat Emmanuele Chetcuti kien assigurat bil-polza *comprehensive* pero' jghid li ghandu jhallas.

Ra x-xhieda ta' Emmanuele Chetcuti fejn jikkonferma r-*Road Accident Report* u jzid illi l-*point of impact* huwa fejn tidher il-vettura tieghu fl-iskizz. Jghid illi meta ra l-konvenut gej bis-sahha zamm kemm seta' fuq is-side tieghu.

Ra x-xhieda ta' Manolito Magri fejn jghid li ezatt kif kiser il-kisra sab vann li dahal go fih. Jghid li wara l-incident, qabel ma gew il-pulizija, dahal it-Tattingers u tawh kafe' bil-whiskey minhabba l-qatgha u ghalhekk il-*breathalyzer*

*test* irrizulta fil-pozittiv. Dan ma qalux fir-rapport. Jaqbel ma' l-iskizz.

Illi skond ir-rapport tal-pulizija l-konvenut "resulted positive" fil-*breathalyzer test*. Il-konvenut ipprova jispjega li dan kien gara ghaliex wara l-incident xorob l-alcohol. Dan it-Tribunal ma jemminx dan. Illi mhux verosimili li bniedem jixrob wara ncident u qabel ma jigu l-pulizija u f'dak il-mument ma jinformax lill-pulizija b'dan. Illi mill-iskizz u mill-verzjoni ta' l-attur jirrizulta li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident billi spicca *wrong side* u habat fil-vettura ta' l-attur. Illi dan it-Tribunal ma jaccettax il-verzjoni tal-konvenut li l-habta saret fejn hemm *scratch marks* fit-triq. Id-debri huwa kkoncentrat fejn spicca l-attur li qal li l-vettura tieghu baqghet hemm mal-habta.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal jiddikjara li ma jaccettax il-verzjoni tal-konvenut li xorob l-alcohol wara l-habta. Jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident ghaliex saq il-vettura minghajr attenzjoni rikjesta, fuq in-naha hazina tat-triq u habat fil-vettura ta' l-attur.

Ra li d-danni m'humiex ikkontestati.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut biex ihallas Lm1,034 (elf u erbgha u tletin lira Maltin) lill-atturi bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali datata 28 t'Ottubru, 2002 u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------